MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 1126/2009

**Maryann Falzon**

**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-1 ta' Lulju 2009 ġew maħtura Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti:**

**1. Kevin Schreiner bin missier mhux magħruf u Maria Dolores Schreiner; u**

***2.*** **Ruth Schreiner bint Carmelo Vancell u Pauline nee' Bezzina**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2009 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi hija l-propjetarja tal-fond ossija d-dar uffiċjalment numerata ħdax (11) fi Triq Paċifiku Scicluna, ġia' magħrufa bħala New Street, ġewwa Birgu (Vittoriosa);

Illi permezz ta' konvenju datat seba (7) ta' Lulju 2004 r-rikorrenti f'isimha u għan-nom ta' ommha Josephine Aquilina, obbligat ruħha li tbiegħ u titrasferixxi lill-intimati, li obbligaw ruħhom li jixtru u jakkwistaw, il-fond imsemmi ossija d-dar uffiċjalment numerata ħdax (11) fi Triq Paċifiku Scicluna, ġia' magħrufa bħala New Street, ġewwa Birgu (Vittoriosa) (kopja tal-konvenju hawn anness u markat Dok. A);

Illi l-validita' tal-istess konvenju kien għal perjodu ta' sitt (6) xhur, u ċioe` sas-6 ta' Jannar 2005;

Illi omm ir-rikorrenti Josephine Aquilina illum hija defunta u l-unika eredi tagħha hija r-rikorrenti;

Illi mal-iffirmar tal-konvenju msemmi r-rikorrenti kkonċediet lill-intimati, b'mera tolleranza, li jeċċedu fil-fond imsemmi u dana sabiex l-istess intimati jkunu jistgħu jinkarigaw periti arkitetti sabiex jirrediġu l-pjanti u dokumenti oħra li setgħu jkunu neċessarji għall-intimati biex jissottomettu applikazzjoni għall-permessi tal-bini;

Illi għalkemm il-validita' tal-konvenju relattiv skada u l-att pubbliku qatt ma sar u ma ġew intavolati ebda proċeduri ġudizzjarji in konnessjoni mal-istess, l-intimati baqgħu fil-pussess tal-imsemmi fond u dana mingħajr titolu validu fil-Liġi.

Illi jirriżulta li effettivament l-intimati bidlu wkoll is-serratura tal-fond imsemmi b'mod illi r-rikorrenti qed tiġi mċaħħda milli teċċedi għall-propjeta` tagħha;

Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex jiżgombraw mill-imsemmi fond u jirritornaw il-pussess tal-istess lir-rikorrenti permezz ta' ittra uffiċjali datata 21 ta' April 2009 (Ittra Uffiċjali Numru 1584/09) dawn baqgħu inadempjenti (kopja tal-ittra uffiċjali hawn annessa u markata Dok. B);

Illi għalhekk kellha ssir dina l-kawża u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimati ma għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu għat-talba tal-istanti;

Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza *ai termini* tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati qed jokkupaw u / jew jippossjedu l-fond ossija d-dar uffiċjalment numerata ħdax (11) fi Triq Paċifiku Scicluna, ġia' magħrufa bħala New Street, ġewwa Birgu (Vittoriosa), mingħajr jedd u mingħajr titolu validu fil-Liġi;

3. Tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju jiżgombraw mill-fond ossija d-dar uffiċjalment numerata ħdax (11) fi Triq Paċifiku Scicluna, ġia' magħrufa bħala New Street, ġewwa Birgu (Vittoriosa);

4. Tordna li fl-eventwalita li l-intimati ma jiżgombrawx mill-fond ossija d-dar uffiċjalment numerata ħdax (11) fi Triq Paċifiku Scicluna, ġia magħrufa bħala New Street, ġewwa Birgu (Vittoriosa) fi żmien lilhom prefiss, ir-rikorrenti tkun debitament awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-istess fond u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xieraq u opportuni dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 21 ta' April 2009 (Ittra Uffiċjali Numru 1584/09), kontra l-intimati li huma min issa nġunti in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni ulterjuri għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati ppreżentata fis-17 ta' Diċembru, 2009 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-esponenti m'huwiex edotti mill-fatti u jirriżerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti.

2. Salv risposta ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-attriċi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher il-kuraturi ma humiex edotti bil-fatti u għalhekk ma kienux f'pożizzjoni li jressqu provi. It-talba attriċi għalhekk ma mhijiex effettivament kontestata u tirriżulta.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba *stante* d-digriet tas-16 ta' Diċembru 2009, tilqa' t-talbiet kollha attrici, u għall-fini tat-tielet u r-raba' talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti iżda l-attrici għandha proviżorjament tħallas id-drittjiet u spejjeż tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------